newsbook.com.mt

LOKALI

# 55 organizazzjoni jieħdu sehem fl-attività Youth meet Youth

*Yendrick Cioffi - 24/07/14 03:18 PM*



Ħamsa u ħamsin organizazzjoni ħadu sehem fl-attività *Youth meet Youth* waqt li poġġew għal wiri x-xogħol u l-proġetti li għamlu, fl-oqsma differenti.

L-attività li kienet organizzata mill-Aġenzija Żgħażagħ b'kollaborazzjoni mal-UEPA kellha l-għan li ż-żewġ entitajiet jiltaqgħu u jippromwovu l-programmi u l-iskemi tagħhom. Fost dawn kien hemm l-iskemi lokali *Be Active* u *A4U* u skemi oħra tal-Unjoni Ewropea fl-edukazzjoni, it-taħriġ u l-*Youth Erasmus+.*

Matul l-attività li saret fi tmiem il-ġimgħa ġewwa l-Qawra, saru żewġ workshops. Wieħed minnhom kellu l-għan li jistimula mexxejja żgħażagħ biex ikunu kreattivi. It-tieni *workshop* serva bħala informazzjoni u pariri għaż-żgħażagħ.

Is-Segretajru Parlamentari għar-Riċerka, l-Innovazzjoni, ż-Żgħażagħ u Sports, Chris Agius, żar din l-attività u rringrazzja lil dawk kollha li ħadu sehem u ħeġġeġ biex din issir avveniment annwali.

Ritratt: DOI

0 Comments Newsbook Login

Sort by Best Share Favorite

Start the discussion…

Be the first to comment.

Like

Subscribe Add Disqus to your site Privacy